Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 3 ta' Lulju 2026**
**(OR. en)**

**11121/26**

**ECOFIN 911**
**UEM 315**
**SOC 440**
**EMPL 242**
**COMPET 855**
**ENV 831**
**EDUC 297**
**ENER 453**
**JAI 891**
**GENDER 128**
**JEUN 171**
**SAN 529**
***ECB***
***EIB***

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-politika ekonomika, soċjali, tal-impjiegi, strutturali u baġitarja ta' Spanja |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif rivedut u maqbul minn diversi kumitati tal-Kunsill u ffinalizzat mill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, ibbażat fuq il-Proposta tal-Kummissjoni COM(2026) 209 final.

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-politiki ekonomiċi, soċjali, tal-impjiegi, strutturali u baġitarji ta' Spanja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 121(2) u l-Artikolu 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

[1] Ir-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 (ĠU L, 2024/1263, 30.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1263/oj).

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2024/1263 jispeċifika l-objettivi tal-qafas ta' governanza ekonomika, li għandu l-għan li jippromwovi finanzi pubbliċi sodi u sostenibbli, tkabbir sostenibbli u inklużiv u reżiljenza permezz ta' riformi u investimenti, kif ukoll li jevita defiċits eċċessivi tal-gvern. Ir-Regolament jistipula li l-Kunsill u l-Kummissjoni jwettqu sorveljanza multilaterali fil-kuntest tas-Semestru Ewropew f'konformità mal-objettivi u r-rekwiżiti stipulati fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Is-Semestru Ewropew jinkludi, b'mod partikolari, il-formulazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż u s-sorveljanza tal-implimentazzjoni tagħhom.

(2) Fil-25 ta' Novembru 2025, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija tal-2026, li fih ma identifikatx lil Spanja bħala wieħed mill-Istati Membri li għalih ikun meħtieġ rieżami fil-fond. Il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kapital uman fl-Unjoni Ewropea, u proposta għar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2026, li janalizza l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro[2] fil-21 ta' April 2026 u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi, u r-Rakkomandazzjoni dwar il-kapital uman fid-9 ta' Marzu 2026.

2 ĠU C, C/2026/2434, 28 ta' April 2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2026/2434/oj.

(3) Fid-29 ta' Jannar 2025, il-Kummissjoni ppubblikat il-Boxxla għall-Kompetittività, qafas strateġiku li għandu l-għan li jagħti spinta lill-kompetittività globali tal-UE matul il-ħames snin li ġejjin. Din tidentifika t-tliet imperattivi trasformattivi tal-innovazzjoni, id-dekarbonizzazzjoni u l-kompetittività, u s-sigurtà bħala pilastri kritiċi għat-tkabbir ekonomiku sostenibbli. Minn mindu ġiet ippubblikata, il-Boxxla għall-Kompetittività informat il-ħidma tas-Semestru Ewropew, li jiżgura li l-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri jkunu konsistenti mal-objettivi strateġiċi tal-UE, u li jinħoloq approċċ unifikat għall-governanza ekonomika li jrawwem it-tkabbir sostenibbli, l-innovazzjoni u r-reżiljenza madwar l-Unjoni.

(4) Fl-2026, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika jkompli jiżviluppa flimkien mal-istadju finali tal-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)[3]. Il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza (RRPs), flimkien mal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni, kienu essenzjali għat-twettiq tal-prijoritajiet ta' politika taħt is-Semestru Ewropew, peress li l-pjanijiet kienu meħtieġa biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti ta' sfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti maħruġa f'ċikli reċenti, u l-programmi ffinanzjati mill-politika ta' koeżjoni Ewropea kienu meħtieġa jqisu r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż. Hekk kif l-RRF toqrob lejn tmiem il-ħajja tagħha, jibqa' essenzjali li jiġu sostnuti u żviluppati r-riformi u l-investimenti appoġġati u implimentati taħt l-RRF, b'mod partikolari dawk li jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati l-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.

(5) Fit-3 ta' Ġunju 2026, il-Kummissjoni ppubblikat ir-rapport tal-pajjiż tal-2026 għal Spanja. Fih ġie vvalutat il-progress ta' Spanja fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2025 u ttieħed kont tal-implimentazzjoni tal-RRP ta' Spanja. Abbażi ta' din l-analiżi, ir-rapport tal-pajjiż identifika l-aktar sfidi urġenti li qed tiffaċċa Spanja. Il-Kummissjoni evalwat ukoll il-progress li għamlet Spanja fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fil-kisba tal-miri ewlenin tal-Unjoni dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali, kif ukoll il-progress biex jinkisbu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.

---

[3] Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18 ta' Frar 2021, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj).

(6) Fil-21 ta' Jannar 2025, il-Kunsill, fuq il-valutazzjoni u r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, adotta Rakkomandazzjoni li tapprova l-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju ta' Spanja[4]. Il-pjan kopra l-perjodu mill-2025 sal-2028 u ppreżenta aġġustament fiskali mifrux fuq 7 snin. Il-Kunsill irrakkomanda r-rati massimi ta' tkabbir li ġejjin tan-nefqa netta: 3,7 % fl-2025, 3,5 % fl-2026, 3,2 % fl-2027, u 3,0 % fl-2028, li jikkorrispondu għar-rati ta' tkabbir kumulattivi massimi kkalkulati b'referenza għall-2023 ta' 9,2 % fl-2025, 13,0 % fl-2026, 16,6 % fl-2027, u 20,1 % fl-2028.

(7) Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u r-riperkussjonijiet tagħha jikkostitwixxu sfida eżistenzjali għall-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni stiednet lil Stati Membri jitolbu l-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir b'mod ikkoordinat biex jiġu appoġġati l-isforzi tal-UE biex tinkiseb żieda rapida u sinifikanti fin-nefqa fid-difiża[5] u din il-proposta ntlaqgħet mill-Kunsill Ewropew fis-6 ta' Marzu 2025. Wara t-talba ta' Spanja, tat-12 ta' Ġunju 2026, il-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, adotta Rakkomandazzjoni li tippermetti lil Spanja tiddevja mir-rati massimi ta' tkabbir rakkomandati tan-nefqa netta[6]. Il-perjodu meta tiġi attivata l-klawżola liberatorja nazzjonali (2025-2028) jippermetti lil-Latvja tipprijoritizza mill-ġdid in-nefqa tal-gvern jew iżżid id-dħul tal-gvern sabiex in-nefqa fid-difiża li tkun ogħla b'mod dejjiemi ma tipperikolax is-sostenibbiltà fiskali fit-terminu medju.

---

4 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Jannar 2025 li tapprova l-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju ta' Spanja (ĠU C, C/2025/643, 10 ta' Frar 2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/643/oj).

5 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, "Nakkomodaw żieda fin-nefqa fid-difiża fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir", Brussell, 19 ta' Marzu 2025, C(2025) 2000 final.

6 Ir-Rakkomandazzjoni ta' [data] li tippermetti lil Spanja tiddevja mir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta kif stabbiliti mill-Kunsill skont ir-Regolament (UE) 2024/1263 (Attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali) (ĠU [ĠU: jekk jogħġbok daħħal ir-referenzi rilevanti tal-ĠU]).

(8) Fit-30 ta' April 2026, Spanja ppreżentat ir-Rapport ta' Progress Annwali tal-2026[7] tagħha dwar l-aderenza mar-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta rakkomandati, l-implimentazzjoni tas-sett ta' riformi u investimenti li jirfdu l-estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament u l-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti li jwieġbu għall-isfidi ewlenin identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tas-Semestru Ewropew. Ir-Rapport ta' Progress Annwali jirrifletti wkoll ir-rappurtar biannwali ta' Spanja dwar il-progress li sar fil-kisba tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha f'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2021/241.

(9) It-tkabbir tal-PDG reali fl-2025 kien ta' 2,8% u l-inflazzjoni tal-HICP kienet ta' 2,7%. It-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni jipprojetta li l-PDG reali jikber bi 2,4 % fl-2026 u b'1,9 % fl-2027, u l-inflazzjoni tal-HICP ser tkun ta' 3,0 % fl-2026 u 2,5 % fl-2027.

(10) Fuq il-bażi tad-data pprovduta mill-Eurostat[8], id-deficit tal-gvern estiż ta' Spanja naqas minn 3,2 % tal-PDG fl-2024 għal 2,4 % tal-PDG fl-2025. It-tnaqqis tad-deficit fl-2025 jirrifletti prinċipalment il-prestazzjoni qawwija tad-dħul u t-tneħħija gradwali tal-miżuri relatati mal-enerġija, kif ukoll l-isforzi ta' konsolidazzjoni fiskali. Abbażi ta' miżuri ta' politika magħrufa sad-data limitu tat-tbassir, it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni jipprojetta deficit ta' 2,4% tal-PDG fl-2026 u 2,0% tal-PDG fl-2027. L-istabbilizzazzjoni fl-2026 tirrifletti prinċipalment l-iżviluppi pożittivi fid-dħul li jikkumpensaw is-settijiet differenti ta' miżuri biex jittaffew il-konsegwenzi tal-għargħar f'xi reġjuni u l-kriżi fil-Lvant Nofsani. It-tnaqqis tad-deficit fl-2027 jirrifletti prinċipalment l-ispejjeż aktar baxxi tal-miżuri ta' emerġenza u mal-iskadenza tal-miżuri ta' emerġenza relatati mal-għargħar.

---

7 Ir-Rapporti ta' Progress Annwali 2026 huma disponibbli hawn: https://economy-finance.ec.europa.eu/economic-and-fiscal-governance/stability-and-growth-pact/preventive-arm/annual-progress-reports_en.

8 L-Indikaturi tal-Euro tal-Eurostat, 22 ta' April 2026.

(11) Fuq il-bażi tal-istimi tal-Kummissjoni, il-pożizzjoni fiskali[9], li tinkludi n-nefqa ffinanzjata kemm nazzjonalment kif ukoll mill-UE, kienet ġeneralment newtrali fl-2025. Hija pprojettata li tkun espansjonarja, b'0,3 % tal-PDG, fl-2026, u restrittiva, b'0,5 % tal-PDG, fl-2027.

(12) Fuq il-bażi i tad-data pprovduta mill-Eurostat[10], id-dejn tal-gvern estiż ta' Spanja naqas minn 101,6 % tal-PDG fi tmiem l-2024 għal 100,7 % tal-PDG fi tmiem l-2025. It-tnaqqis fil-proporzjon tad-dejn fl-2025 jirrifletti prinċipalment it-tkabbir tal-PDG nominali b'saħħtu u t-tnaqqis tad-defiċit. Abbażi ta' miżuri ta' politika magħrufa fid-data limitu tat-tbassir, it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni jipprojetta li l-proporzjon tad-dejn għall-PDG jonqos għal 99,6 % sa tmiem l-2026 u li jonqos aktar għal 98,9 % sa tmiem l-2027. It-tnaqqis fl-2026 jirrifletti prinċipalment it-tkabbir tal-PDG nominali li jisboq il-kost tas-servizz tad-dejn. It-tnaqqis fil-proporzjon tad-dejn fl-2027 jirrifletti prinċipalment it-tkabbir nominali tal-output u t-tnaqqis tad-defiċit.

(13) Fuq il-bażi tat-Tbassir tal-Kummissjoni għall-Ħarifa tal-2026, in-nefqa totali fid-difiża tal-gvern estiż fi Spanja ammontat għal 1,0 % tal-PDG fl-2025, li tikkorrispondi għal żieda ta' 0,1 punti perċentwali tal-PDG meta mqabbla mas-sena ta' referenza 2024. Skont it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni, hija projettata li tkun fil-livell ta' 1,2 % tal-PDG fl-2026, li jikkorrispondi għal żieda ta' 0,3 punti perċentwali tal-PDG meta mqabbla mal-2024[11].

---

[9] Il-pożizzjoni fiskali hija definita bħala kejl tal-bidla annwali fil-pożizzjoni baġitarja sottostanti tal-gvern estiż. Għandha l-għan li tivvaluta l-impuls ekonomiku li jirriżulta mill-politiki fiskali, kemm dawk li huma ffinanzjati fil-livell nazzjonali kif ukoll dawk li huma ffinanzjati mill-baġit tal-UE. Il-pożizzjoni fiskali titkejjel bħala d-differenza bejn (i) it-tkabbir potenzjali fuq perjodu medju ta' żmien u (ii) il-bidla fin-nefqa primarja netta mill-miżuri diskrezzjonali tad-dħul u inkluża n-nefqa ffinanzjata minn appoġġ (għotjiet) mhux ripagabbli mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u minn fondi oħra tal-Unjoni.

[10] L-Indikaturi tal-Euro tal-Eurostat, 22 ta' April 2026.

[11] Id-definizzjoni tal-infiq fid-difiża tan-NATO hija differenti mid-definizzjoni tad-difiża tal-COFOG. Barra minn hekk, jista' jkun hemm differenzi minħabba ż-żmien tar-reġistrazzjoni tan-nefqa, b'mod partikolari t-tagħmir militari, peress li r-rappurtar tan-NATO ma jsegwix ir-regoli tal-kontijiet nazzjonali għaż-żmien tar-reġistrazzjoni.

(14) L-Unjoni tkompli tiffaċċa riskji ta' interruzzjonijiet fil-provvista tal-enerġija u volatilità għolja tal-prezzijiet, aggravati minn tensjonijiet ġeopolitiċi li jaffettwaw is-swieq globali taż-żejt u tal-gass. L-esperjenza mill-kriżi tal-enerġija tal-2022–2023 uriet li miżuri wiesgħa u mhux immirati jinvolvu kostijiet fiskali kbar u huma soċjalment u ekonomikament ineffiċjenti. Minn mindu faqqgħet il-gwerra fil-Lvant Nofsani fi Frar 2026, Spanja adottat miżuri ta' politika fiskali biex ittaffi l-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija fuq l-unitajiet domestiċi u d-ditti[12]. Dawn jinkludu tnaqqis mhux immirat fir-rati tal-VAT fuq il-fjuwils, l-elettriku u l-gass naturali, kif ukoll tnaqqis mhux immirat fid-dazji tas-sisa fuq l-elettriku u l-fjuwils. Barra minn hekk, l-awtoritajiet introduċew miżuri ta' appoġġ immirati, bħal sussidji għall-operaturi professjonali tat-trasport u għall-bdiewa, għajnuna diretta lill-industriji elettrointensivi, tnaqqis fit-tariffi tan-network tal-elettriku, u appoġġ għal skemi ta' bonus soċjali termali u ħżin tal-fjuwil taħt l-art. Uħud minn dawn il-miżuri skadew fl-1 ta' Ġunju, filwaqt li l-parti l-kbira tal-bqija mistennija jiskadu sat-30 ta' Ġunju 2026[13], minkejja li xi wħud mistennija jibqgħu fis-seħħ sa kmieni fl-2027. Skont it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni, il-kost fiskali ta' dawn il-miżuri huwa projettat li jammonta għal madwar 0,3 % tal-PDG fl-2026. Skont l-istimi tal-Kummissjoni, jekk dawn il-miżuri kellhom jibqgħu fis-seħħ sa tmiem l-2026, il-kost fiskali tagħhom jammonta għal 0,6 % tal-PDG fl-2026.

(15) Fuq il-bażi tal-kalkoli tal-Kummissjoni, in-nefqa netta fi Spanja kibret b'4,8 % fl-2025 u naqset b'9,3 % b'mod kumulattiv fl-2024 u l-2025. It-tkabbir fin-nefqa netta fl-2025 huwa ogħla mir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata, li tikkorrispondi għal devjazzjoni ta' 0,4% tal-PDG f'termini annwali. Meta jitqiesu l-2024 u l-2025 flimkien, ir-rata ta' tkabbir kumulattiv tan-nefqa netta hija wkoll ogħla mir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata, li tikkorrispondi għal devjazzjoni ta' 0,1 % tal-PDG f'termini kumulattivi. Madankollu, id-devjazzjoni pprojettata hija fi ħdan il-flessibbiltà tal-klawżola liberatorja nazzjonali bbażata fuq il-projezzjonijiet attwali għall-infiq fid-difiża.

---

12 Dan jirrifletti s-sitwazzjoni fid-data limitu tat-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni (4 ta' Mejju 2026).

13 Wara t-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni, it-tnaqqis tal-VAT fuq l-elettriku u l-gass, kif ukoll it-tnaqqis tad-dazji tas-sisa fuq l-elettriku skadew.

(16) Fuq il-bażi tal-kalkoli tal-Kummissjoni, in-nefqa netta fi Spanja hija projettata li tikber b'5,1 % fl-2026, u b'14,9 % b'mod kumulattiv matul l-2024, l-2025 u l-2026. It-tkabbir projettat fin-nefqa netta fl-2026 huwa ogħla mir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata, li tikkorrispondi għal devjazzjoni ta' 0,6 % tal-PDG f'termini annwali. Meta jitqiesu l-2024, l-2025 u l-2026 flimkien, ir-rata ta' tkabbir kumulattiv projettata tan-nefqa netta hija wkoll ogħla mir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata, li tikkorrispondi għal devjazzjoni ta' 0,7 % tal-PDG f'termini kumulattivi. Filwaqt li titqies il-flessibbiltà għal infiq ogħla fid-difiża prevista mill-klawżola liberatorja nazzjonali, meta l-2024, l-2025 u l-2026 jitqiesu flimkien, id-devjazzjoni kumulattiva tan-nefqa netta projettata tammonta għal 0,4 % tal-PDG.

(17) Ir-Rakkomandazzjoni li tapprova l-pjan ta' terminu medju ta' Spanja tispeċifika s-sett ta' riformi u investimenti li jirfdu l-estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament, flimkien ma' skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tagħhom. Filwaqt li tqis l-informazzjoni pprovduta minn Spanja fir-Rapport ta' Progress Annwali tagħha, il-Kummissjoni ssib li l-implimentazzjoni tal-passi ewlenin ta' dawn ir-riformi u l-investimenti li kienu dovuti sat-30 ta' April 2026 tidher li tinsab ġeneralment fit-triq it-tajba. Ir-riforma tat-taxxa għadha qed tiġi vvalutata u r-riforma tal-benefiċċji tat-taxxa, flimkien ma' żewġ passi relatati mat-trasformazzjoni diġitali tal-edukazzjoni ser jiġu vvalutati taħt l-aħħar pagament tal-RRP. Fir-rigward tal-miżuri biex tittejjeb il-ġestjoni tad-diżabbiltà temporanja, ġew iffirmati ftehimiet ta' sħubija mal-Istitut Nazzjonali tas-Sigurtà Soċjali mill-biċċa l-kbira tar-reġjuni filwaqt li l-ftehimiet mas-soċjetajiet mutwi ġew iffirmati biss minn ħames reġjuni u ż-żewġt ibliet awtonomi. Rigward l-omologazzjoni tad-diplomi, ġiet adottata u stabbilita ordni ministerjali, li tistabbilixxi struzzjonijiet fir-rigward tal-proċeduri ta' omologazzjoni u ekwivalenza għall-kwalifiki universitarji barranin. Il-Kummissjoni tqis li, b'mod ġenerali, Spanja kkonformat mal-impenji tagħha b'mod sodisfaċenti[14].

[14] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment, Is-Semestru Ewropew tal-2026 - Il-Pakkett tar-Rebbiegħa, COM(2026) 200 final.

(18) Is-sehem medju tat-taxxi fuq ix-xogħol fid-dħul totali mit-taxxa ta' Spanja żdied minn medja ta' 48,7 % fis-subperjodu 2015-2019 għal 51,8 % fis-subperjodu 2020-2024, filwaqt li l-medja tal-UE baqgħet l-istess, jiġifieri 51,4 % matul l-istess perjodu ta' żmien. Dħul ogħla mit-taxxi fuq ix-xogħol jispjega 90 % taż-żieda fil-piż tat-taxxa ta' Spanja matul l-aħħar għaxar snin, li jirrifletti dipendenza dejjem akbar fuq it-tassazzjoni fuq ix-xogħol. In-nonindiċjar tal-kategoriji tat-taxxa fuq l-introjtu personali (PIT) u ż-żidiet fir-rati tas-sigurtà soċjali aċċelleraw il-bidla ta' Spanja lejn it-tassazzjoni fuq ix-xogħol. Madankollu, id-dħul mit-taxxa fuq ix-xogħol bħala sehem tal-PDG (19,0 % fl-2024) jibqa' taħt il-medja tal-UE (20,3 %). B'kuntrast ma' dan, id-dħul mit-taxxi fuq il-konsum u dawk ambjentali huwa taħt il-medja tal-UE, kemm bħala sehem tal-PDG kif ukoll bħala sehem mid-dħul totali mit-taxxa. Id-dħul mit-taxxa ambjentali ammonta għal 1,6 % tal-PDG fi Spanja, meta mqabbel ma' 2,1 % fl-UE. Spanja għandha l-akbar diskrepanzi fil-politika tal-VAT fl-UE, li jirriżultaw minn waħda mill-ogħla diskrepanzi fir-rati tal-VAT u l-ogħla diskrepanza fl-eżenzjoni mill-VAT xprunata mill-politika nazzjonali. Fost il-kategoriji fejn japplikaw rati preferenzjali tal-VAT, ir-ristoranti u s-servizzi ta' akkomodazzjoni jispikkaw għall-impatt baġitarju kbir tagħhom fost effett ridistributtiv limitat ħafna. Użu aktar limitat tar-rati preferenzjali tal-VAT jikkontribwixxi għas-simplifikazzjoni tas-sistema tat-taxxa. Minkejja xi evalwazzjonijiet reċenti (b'mod partikolari, mill-Istituzzjoni Fiskali Indipendenti, AIReF), ma hemm l-ebda approċċ sistematiku għall-valutazzjoni tal-effettività tan-nefqiet tat-taxxa. Il-kwalità tal-finanzi pubbliċi tista' tibbenefika minn rappurtar konsolidat imsaħħaħ u valutazzjoni sistematika tan-nefqiet kollha tat-taxxa fil-livelli territorjali kollha.

(19) L-involviment sistematiku, sinifikattiv u f'waqtu tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab soċjali, is-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra għadu essenzjali sabiex tiġi żgurata sjieda wiesgħa għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-istrumenti ta' finanzjament tal-Unjoni, kif ukoll fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

(20) L-implimentazzjoni tal-programmi ta' politika ta' koeżjoni, li jinkludu appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF), il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK) fi Spanja, għadha taħt il-medja tal-UE, kemm f-termini ta' għażla ta' proġetti u ta' pagamenti. Huwa importanti li jiżdiedu l-isforzi biex tiġi żgurata implimentazzjoni rapida ta' dawn il-programmi, filwaqt li jiġi massimizzat l-impatt tagħhom fil-prattika. Spanja diġà qed tieħu azzjoni taħt il-programmi tal-politika ta' koeżjoni tagħha biex tagħti spinta lill-kompetittività u t-tkabbir. Fl-istess ħin, Spanja tkompli tiffaċċa sfidi fl-implimentazzjoni effettiva tal-politika ta' koeżjoni fl-oqsma tar-riċerka u l-innovazzjoni (R&I), l-ispariġġ fil-ħiliet, l-inklużjoni soċjali, il-ġestjoni u l-prevenzjoni tar-riskju tat-tibdil fil-klima, u l-appoġġ għal tranżizzjoni ġusta. Huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-investimenti l-ġodda identifikati minn Spanja fir-rieżami ta' nofs it-terminu tagħha tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni, partikolarment dawk marbuta mal-ħames prijoritajiet identifikati fir-Regolament dwar ir-Rieżami ta' Nofs it-Terminu[15], jintużaw malajr u b'mod effettiv.

(21) Spanja qed tiffaċċa diversi sfidi relatati mas-sostenibbiltà fiskali, il-produttività, l-investiment effettiv u sostnut fl-innovazzjoni, il-piż regolatorju u amministrattiv, il-prestazzjoni tas-sistema tal-ġustizzja, ir-rabtiet bejn ix-xjenza u n-negozju, l-aċċess għall-finanzi, l-adattament għat-tibdil fil-klima u r-reżiljenza tal-infrastruttura, il-ġestjoni tal-ilma, in-network tal-elettriku, il-provvista ta' akkomodazzjoni soċjali u affordabbli, il-faqar fost it-tfal, l-ispariġġ fil-ħiliet u l-effiċjenza tas-sistema tal-kura tas-saħħa.

---

15 Ir-Regolament (UE) 2025/1914 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2025 li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1058 u (UE) 2021/1056 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi sabiex jiġu indirizzati sfidi strateġiċi fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu.

(22) Spanja bdiet qafas ta' kollaborazzjoni biex tidentifika u tindirizza l-ostakli regolatorji, u tnaqqas il-frammentazzjoni regolatorja fir-reġjuni kollha; jeħtieġ li jitkomplew l-isforzi biex dawn jiżdiedu u jitħaffu. Ir-"Reġim 20" jippermetti kollaborazzjoni bejn il-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali tal-amministrazzjoni Spanjola. Matul l-2025, sar progress f'oqsma bħal-liċenzji għall-ftuħ tan-negozji, it-tikkettar diġitali, l-installazzjoni ta' punti tal-iċċarġjar, iċ-ċertifikati tal-effiċjenza enerġetika, l-installazzjonijiet ta' vultaġġ baxx, u t-tnaqqis tad-dispersjoni regolatorja. Dan l-approċċ iservi biex jikkoordina r-riformi f'oqsma ta' ftehim; madankollu, huma meħtieġa sforzi addizzjonali biex jiġu indirizzati l-ostakli fuq skala akbar u jintuża r-"Reġim 20" biex jiġu implimentati aktar bidliet strutturali. Barra minn hekk, ir-restrizzjoni regolatorja hija partikolarment għolja fil-bejgħ bl-imnut. Din il-kumplessità amministrattiva taffettwa l-istabbiliment tan-negozju minħabba proċeduri ta' liċenzjar u awtorizzazzjoni onerużi, li joħolqu ostakli addizzjonali għad-dħul fis-suq u l-investiment, u jwasslu għal detriment għall-konsumatur. Spanja tibbenefika minn aktar konverġenza tar-regolamenti dwar il-bejgħ bl-imnut biex ittejjeb l-ambjent tan-negozju u tappoġġa l-kompetizzjoni, speċjalment fil-bejgħ bl-imnut tal-mediċini. L-ostakli għall-kummerċ tal-oġġetti fiż-ŻEE jippersistu, bħal pereżempju għall-imballaġġ u t-tikkettar. Id-differenzi fir-regolamenti madwar ir-reġjuni Spanjoli jkomplu jżidu l-kostijiet tal-konformità u joħolqu ostakli għan-negozji li joperaw bejn ir-reġjuni u minn pajjiżi oħra tal-UE, filwaqt li jnaqqsu l-għażla u jżidu l-prezzijiet għall-konsumaturi.

(23) Spanja introduċiet sensiela ta' riformi legali biex ittejjeb l-effiċjenza organizzazzjonali, diġitali u proċedurali tas-sistema tal-ġustizzja tagħha; madankollu, l-implimentazzjoni effettiva tagħhom tiddependi fuq l-għoti ta' investiment adegwat u sostnut u l-allokazzjoni ekwa tiegħu bejn ir-reġjuni. Is-settur tal-ġustizzja qed jiffaċċa nuqqas ta' persunal, b'relattivament ftit imħallfin meta mqabbla mad-daqs tal-popolazzjoni, flimkien ma' żieda fl-irtirar bikri u żieda fil-litigazzjoni. Dan ipoġġi piż sinifikanti fuq l-imħallfin fil-kariga u jikkontribwixxi għal dewmien ġudizzjarju persistenti li jaffettwa b'mod negattiv lill-professjonisti legali, lin-negozji u liċ-ċittadini. Barra minn hekk, id-disparitajiet fil-livell tad-diġitalizzazzjoni bejn ir-reġjuni, flimkien ma' interoperabbiltà limitata bejn is-sistemi ta' ġestjoni tal-każijiet, ikomplu jfixklu l-kwalità u l-effiċjenza ġenerali tal-proċessi ġudizzjarji. It-titjib tal-prestazzjoni tas-sistema tal-ġustizzja billi jiġi żgurat persunal adegwat, filwaqt li jinżammu l-istandards ta' reklutaġġ, u d-diġitalizzazzjoni armonizzata fir-reġjuni kollha u l-interoperabbiltà sħiħa tas-sistemi ta' ġestjoni tal-każijiet huma għalhekk essenzjali biex jissaħħaħ il-qafas istituzzjonali u tingħata spinta lill-ambjent tan-negozju.

(24) Filwaqt li r-R&Ż żdiedu bi ftit f'dawn l-aħħar għaxar snin, l-investiment privat baxx fir-R&Ż jibqa' restrizzjoni ewlenija. L-iżvilupp tan-negozju u l-innovazzjoni huma mxekkla minn struttura tan-negozju frammentata ddominata minn mikrointrapriżi ta' valur baxx. Spanja introduċiet riformi pertinenti bħala parti mill-RRP, bħal-Liġi dwar il-Ħolqien u t-Tkabbir tan-Negozju u l-Liġi dwar in-Negozji Ġodda. Madankollu, hija meħtieġa aktar azzjoni biex jitneħħew l-ostakli finanzjarji u amministrattivi li jimpedixxu l-innovazzjoni tan-negozju u biex titnaqqas id-diskrepanza fil-produttività.

(25) L-infiq limitat u distribwit b'mod mhux uniformi ta' Spanja fuq ir-R&Ż huwa kkonċentrat ħafna f'xi reġjuni, u b'riżultat ta' dan, mhuwiex biżżejjed biex jistimula n-nefqa ġenerali tan-negozju fuq ir-R&Ż madwar il-pajjiż kollu. Hemm lok biex jiżdied l-infiq pubbliku fir-R&Ż (bl-għan li jintlaħaq 1,25 % tal-PDG sal-2030) u titnaqqas id-dipendenza tiegħu fuq il-fondi tal-UE filwaqt li tiġi żgurata distribuzzjoni territorjali aktar ibbilanċjata. Il-kombinazzjoni ta' żieda fl-investiment pubbliku ma' inċentivi tat-taxxa mmirati u għotjiet simplifikati tgħin biex jiġi attirat l-investiment privat u jiġu appoġġati setturi ta' valur għoli. Evalwazzjoni ex post regolari tat-taħlita tal-politika tal-innovazzjoni fit-territorju nazzjonali tgħin biex ir-riċerka tissarraf f'eżiti kummerċjali u tingrana l-investiment privat fir-R&Ż filwaqt li tiżgura li l-isforzi jkunu ffukati biex jintlaħqu l-għanijiet ġenerali tal-politika.

(26) Kollaborazzjoni dgħajfa bejn id-dinja akkademika u l-industrija tillimita l-innovazzjoni tan-negozju u l-gwadanji fil-produttività, minkejja l-Att emendat dwar ix-Xjenza, it-Teknoloġija u l-Innovazzjoni u l-Att Universitarju. Barra minn hekk, l-iskemi pubbliċi stabbiliti biex jinċentivaw l-investiment privat fir-R&Ż kellhom impatt baxx, l-aktar minħabba n-natura kumplessa tagħhom u n-nuqqas ta' inċentivi għan-negozju u d-dinja akkademika. It-tisħiħ tal-intermedjarji tal-għarfien, l-aġġustament tal-inċentivi fl-universitajiet u fl-organizzazzjonijiet pubbliċi tar-riċerka lejn l-innovazzjoni applikata, u t-titjib tal-finanzjament ibbażat fuq il-prestazzjoni jinkoraġġixxu riżultati speċjalizzati u kollaborattivi tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-universitajiet u fl-istituzzjonijiet tar-riċerka.

(27) L-aċċess għall-finanzjament tat-tkabbir jibqa' restrizzjoni importanti għall-espansjoni tal-kumpaniji. Is-swieq tal-kapital ta' riskju u ta' ekwità, filwaqt li qed jiżviluppaw gradwalment, għadhom sottożviluppati, peress li l-kumpaniji Spanjoli li jiffinanzjaw għadhom jiddependu ħafna fuq is-self mill-banek. Fl-istess ħin, l-allokazzjoni tat-tfaddil privat ma tappoġġax biżżejjed l-espansjoni innovattiva tan-negozju. L-investimenti ta' ekwità u ta' kapital ta' riskju permezz ta' skemi tal-pensjoni supplimentari jistgħu jiġu mħeġġa aktar billi tiġi introdotta l-awtoreġistrazzjoni u jitnaqqsu l-limiti tal-investiment tal-portafoll. Barra minn hekk, hemm bżonn li jittejbu l-kapaċitajiet ta' trasferiment tal-għarfien, in-networks, il-kooperazzjoni u l-konverżjoni tar-riċerka f'innovazzjoni kummerċjali tal-istart-ups. Flimkien, dawn il-fatturi jkomplu jxekklu r-riallokazzjoni tar-riżorsi lejn attivitajiet aktar produttivi. Il-FMI[16] jindika d-daqs insuffiċjenti tas-suq u n-nuqqas ta' aċċess għall-finanzjament mill-bejgħ ta' ishma fost il-fatturi ewlenin li fuqhom hija bbażata l-inkapaċità tad-ditti ġodda li jespandu b'mod rapidu. Il-promozzjoni ta' użu akbar ta' finanzjament ibbażat fuq is-suq u t-tisħiħ tal-konnessjoni bejn in-negozji u l-parteċipanti fis-suq kapitali jistgħu jespandu l-aċċess għall-finanzjament għad-ditti. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' diversifikazzjoni effettiva tas-sorsi ta' finanzjament huwa ta' piż fuq id-dinamiżmu tal-investiment privat. Skont l-OECD[17], in-nuqqas ta' finanzjament disponibbli huwa rrapportat minn sehem kbir ta' ditti Spanjoli, b'mod partikolari l-SMEs, bħala ostaklu konsiderevoli fit-tul għall-investiment fl-2023.

16 Il-Fond Monetarju Internazzjonali (2025), *Spanja: L-Artikolu IV tal-Istqarrija għall-Istampa ta' Konsultazzjoni, 2025; u r-Rapport tal-Persunal*, Rapporti tal-Persunal tal-FMI, Nru 2025/121. Disponibbli fuq: https://doi.org/10.5089/9798229012782.002.

17 Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi. (2025). *OECD, l-Istħarriġ Ekonomiku tal-OECD: Spanja 2025* (Vol. 2025/22, Novembru). Pariġi: Pubblikazzjoni tal-OECD. https://doi.org/10.1787/abc5c435-en.

